# 57. Il-Bojja

Għoli mill-art il-palk, u titla' fuqu
minn disgħa u għoxrin tarġa,
qtajjiet ta' nies madwaru qed tistenna
tal-Prinċipessa l-ħarġa

U f'nofs il-palk hemm zokk, u ħdejh bil-wieqfa
il-bojja bil-mannara,
b'dak wiċċu mqit u qastni qed jistenna
mingħajr tqanqil jew ħrara.

Ħarġet il-Prinċipessa u telgħet siekta
tarġiet disgħa u għoxrin,
xagħarha nokkli tad-deheb, kemm kemm qasira,
laħamha aħmar u fin.

U qiegħdet rasha fuq iz-zokk, u l-bojja
għolla l-mannara 'l fuq,
u qata' ras il-Prinċipessa sbejħa
ta' għonqha mill-għeruq.

U l-folla stagħġbet bil-kefrija ħarxa
tal-bojja kollu ħiemed
li qatel prinċipessa fi xbubitha
hekk hekk kiesaħ u biered!

Ħallu t-tixbiħ fil-ġenb! Il-Prinċipessa
marti b'laħamha fin,
xagħarha nokkli tad-deheb, kemm kemm qasira
b'għajnejha sewdenin,

U l-bojja l-Mewt li kellha l-qalb taħsadha
ta' disgħa u għoxrin sena,
U l-folla jien madwar is-sodda; mgħaġġba
qalbi bl-uġiegħ tinfena!